**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**
**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-13 ta' Gunju, 2019**

Kawza numru:- 469/2018 AM
Numru fuq il-lista:-04

**Joseph Conti (K.I. 623656M)**
**Jade Court, Flat 3,**
**Triq il-Lampara,**
**Naxxar**

**Vs**

**Kelly Lawrence Paul (K.I. 122578A)**
**Seashore Apartments, Flat 3,**
**Triq il-Marfa,**
**Mellieha**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta' Settembru, 2018 li permezz tieghu l-attur talab minghand il-konvenut is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) bilanc ta'

somma akbar rapprezentanti din is-somma prezz ta' vettura Suzuki Samurai bin-numru ta' registrazzjoni IAU-574 mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, u deher ghas-seduta tat-30 ta' Mejju, 2019.

Sema' lill-konvenut jammetti t-talba bil-gurament tieghu u bil-lingwa Ingliza stante li huwa ddikjara li ma jafx bil-lingwa Maltija u dan it-Tribunal spjegalu dwar f'hiex kienet tikkonsisti din it-talba.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal wara li semgha lill-konvenut jammetti t-talba, qed jilqa' t-talba attrici u jordna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' sitt mitt ewro (€600) bil-imghax legali mit-02 ta' Gunju, 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**